**15 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Giuseppa mart Giuseppe Vella

*versus*

Francesca mart John Borg *et*

**Nuqqas ta' Kjarezza dwar Legat f'Testment Unika Charta**

*Hija massima bażilari fid-dritt suċċessorju li hija l-espressjoni tal-volontà li tipprevali f'kull każ fejn tistà b'xi mod jew ieħor tinħoloq xi diffikultà fit-tifsira ta' testment.*

*Testment unica charta huwa l-espressjoni tal-volontà ta' żewġ testaturi u mhux ta' wieħed;*

Il-Qorti:-

1. F'din il-kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-attriċi esponiet illi b'testment Unica Charta fl-atti tan-Nutar Francis Michallef ta' l-20 ta' Awissu, 1965, il-ġenituri tagħha u tal-konvenut, ħallewlha b'titolu ta' legat il-fond 16, Triq Dun Gorg,

In-Naxxar, b'kull ma jikkontjeni;

Għalkemm l-aħħar waħda mill-ġenituri mietet fis-7 ta' Marzu, 1974, iżda, il-konvenuti, eredi, għadhom ma immettewhiex fil-pussess ta' l-istess legat u għalhekk talbet lil dik l-Onorabli Qorti sabiex toħroġ l-ordni opportun u tinnomina Nutar biex jippublika l-att ta' immissjoni fil-pussess;

2. Il-konvenuti opponew (i) li ċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex il-partijiet kollha kellhom ikollhom magħhom lil żwiegħom bħala kapijiet tal-komunjonijiet ta' akkwisti rispettivi; (ii) il-legat, imbagħad, kien illegali għaliex il-fond ma kienx tal-komunjoni bejn it-testaturi iżda jappartjeni biss lil missier il-kontendenti, Antonio Scerri, u kien suġġett għall-kondizzjoni li ma avverratx ruħha;

3. L-ewwel *eċċezzjoni ġiet respinta* b'sentenza tat-23 ta' Gunju, 1987 u fl-14 ta' Ottubru, 1991, l-imsemmija Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi billi qalet:-

*Il-Qorti hija tal-fehma li għandha l-ewwelnett tinvesti l-*kwistjoni jekk l-ewwel kelma tat-Tielet Artikolu tat-testment *'de quo* hijiex "testaturi" jew "testatriċi" billi din hija rilevanti għall-eċċezzjoni li l-legat huwa dak *'di cosa alturi'* billi huwa allegat li l-fond in kwistjoni jappartjeni għall-assi partikolari ta' Antonio Scerri, missier il-kontendenti. L-Artikolu testwalment jinqara hekk:-

"It-testatriċi tħalli l-fond numru sittax (16) St. George's Street, Naxxar, in assoluta proprjetà lil bintha Giuseppa Scerri nklużi l-effetti mobili kollha *'a limine intus'* barra flus kontanti, kotba tal-banek, ċedoli u titolari rappreżentanti flus u dan biex

tikkompensaha ta' kemm ilha ddur bit-testaturi u bil-kondizzjoni li tibqa ddur bihom sal-mewt. It-testaturi jħallu wkoll bl-istess titolu in assoluta proprjetà lill-imsemmija binthom Giuseppa Scerri l-annimali kollha fil-ġurnata tal-mewt tas-superstiti fosthom'';

Fl-oriġinal, li fotokopja tiegħu hija esibita a fol. 26 sa 29, il-kelma tidher li hija ''tesatriċi'' u r-riferenza għal-legatarja hija fis-singolar ''bintha'' u mhux ''binthom''. Il-Qorti però tħoss li għandu jiġi rrilevat illi fit-testment *'de quo'* invarjabilment wieħed isib li ntuża dejjem il-plural jiġifieri ''testaturi'' u anke fl-artikolu Tlieta, fis-disposizzjoni in diżamina, jingħad li l-legat huwa biex tiġi kkompensata l-legatarja ta' kemm ilha ddur bit-**testaturi** u bil-kondizzjoni li tibqa' ddur **bihom** sal-mewt. Imbagħad it-tieni disposizzjoni ta' l-istess artikolu tibda bil-kliem ''**It-testaturi jħallu wkoll** bl-istess titolu'' - omissis. Dan jimplika li d-disposizzjoni ta' qabel kienet ukoll tat-**testaturi** u mhux tat-**testatriċi** weħedha. Hemm ukoll il-konsiderazzjoni li mhux loġiku li t-testatriċi biss tħalli l-legat biex tikkompensa lill-legetarja talli qeda ddur bit-**testaturi** *multo magis* meta l-fond imħolli b' legat jappartjeni lill-assi partikolari tat-testatur l-ieħor. Kellu jkun propju hawn li jintuża s-singolar waqt li mkien iżjed ma ntuża fit-testment? Għalhekk, il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti hija li l-kelma testatriċi hija *lapsus calami* u għandha tinqara ''testaturi''. Minn dan, isegwi li ma tistax treġi iktar l-eċċezzjoni li l-legat huwa *''di cosa altrui''*. Lanqas ma rnexxielhom il-konvenuti jipprovaw li ma avveratx ruħha l-kondizzjoni li għaliha kien soġġett il-legat *''de quo''*. Irriżulta li l-leġatarja daret b'missierha sal-mewt tiegħu, iżda ommha ma kellha bżonn ħadd li jdur biha. Għalhekk, ma jistax jingħad li l-legatarja kienet inadempjenti. Illi minn dan isegwi li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet għandhom jiġu respinti;

Illi l-oġġetti mobili mħollija bl-istess legat jirriżulta li huma dawk elenkati fid-Dokument "VGI" a fol. 80 tal-proċess;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad bħala nfondati t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi u, konsegwentement, tordna l-immissjoni fil-pusses tal-legat imsemmi fiċ-ċitazzjoni tant tal-fond kif ukoll tal-mobili elenkati fid-Dokument "VGI" u għall-finijiet ta' l-istess talbiet tinnomina bħala Nutar lill Dottor Henri Vassallo biex jirċievi l-att opportun u tinnomina lil Dottor Louis Thompson bħala kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi, liema att għandu jiġi ppubblikat f' waħda mill-awli ta' l-edifiċċju tal-Qrati nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 1991, fl-10.00 a.m.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

4. Il-konvenuti appellaw għaliex (a) il-fond oġġett tal-legat kien imħolli mit-testatriċi lil Giuseppa Vella migħajr ma saret id-dikjarazzjoni li t-testatriċi kienet taf li l-fond kien ta' żewġha Antonio kif kienet obbligata li tagħmel biex il-legat iseħħ skond l-artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili; (b) biex il-legat iseħħ, l-attriċi kellha l-obbligu li tibqa' ddur bit-testaturi sa mewthom, mentri hija telqet minn darhom tliet snin qabel ma mietet l-omm;

5. Huwa veru illi t-tielet atikolu tat-testment unica charta ta' l-20 ta' Awissu, 1965, jibda bil-kelma "It-testatriċi" waqt li t-tlett artikoli l-oħra kollha jibdew bil-kliem "It-testaturi" u huwa veru wkoll li l-fond mħolli b'legat lill-attriċi jappartjeni lil missier Antonio Scerri, it-testatu, u mhux lil martu, it-testatriċi l-oħra;

6. Kull testment huwa, per eċċellenza, espressjoni ta'

volonta' - tant illi fil-lingwa ingliża, testment jissejjaħ "*will*" il-volonta'. Għalhekk hija massima bażilari fid-dritt suċċessorju li hjia l-espressjoni tal-volonta' li tipprevali f'kull fejn tista' b'xi mod jew ieħor tinħoloq, jew tkun teżisti, xi diffikulta', nuqqas ta' kjarezza, xi ekwivoċita' fit-tifsira ta' testment;

Fil-każ preżenti, id-diffikoltà ssollevata mill-konvenuti ġejja mill-użu tal-kelma "testatriċi" flok "testatur jew testaturi". Testment unica charta bħal ma huwa dan huwa l-espressjoni tal-**volonta' ta' żewġ testaturi** u mhux ta' wieħed, u allura jekk dan it-tielet artikolu tat-testment jiqara fl-isfond tal-volonta' taż-**żewġ testaturi** mhux possibli li jinftiehem fis-sens li jriduh il-konvenuti għaliex naturalment ma jagħmel ebda sens li tgħid li t-testatur Antonio Scerri ried li martu Vincenza tħalli ligat ta' ħwejġu, mentri huwa dan ma ridux - jew varjazzjonijiet simili ta' tifsir insensat - dejjem jekk wieħed iżomm ferm, kif għandu jkun, li s-sens ġuridiku ta' kull testment unica charta jimporta u għandu jinstab fl-espressjoni ta' volonta' taż-żewġ testaturi u dan, għall-kontenut ta' kull parti tat-testment li jinteressa liż-żewġ testaturi, kif inhu l-każ. Biex tagħlaq il-konsiderazzjoni tagħha fuq dan il-kap, il-Qorti finalment tinnota illi t-testatriċi ma kinetx taf taqra, u dan il-fattur għandu jnaqqas sensibbilment l-insistenza tal-konvenuti fuq il-kelma miktuba - *dato e non concesso* - illi anki dawk li jafu jaqraw, meta n-Nutar ikun qed jaqralhom dak li jkun kiteb u jisimgħu l-kelma testatriċi - meta fil-bqija tat-testment li jkun qed jagħmlu flimkien, jkunu semgħu kontinwament "it-testaturi" anki jekk jindunaw, huma jaħsbu jew li semgħu ħażin, jew li ħa "*lapsus linguae*" in-Nutar. Fi kwalunkwe każ huwa diffiċli għalihom li jintervjenu biex jikkorreġu dak li "jaħsbu" li jkunu semgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, in aġġunta ma' dawk li hemm fis-

sentenza appellata, dan l-aggravju mhuwiex attendibbli;

7. Fuq it-tieni aggravju – il-kondizzjoni imposta fuq il-leġatarja ta' l-attriċi kienet fis-sena li hija tibqa' ddur bit-testaturi sal-mewt. Dan xehditu pożittivament l-attriċi, fis-sens li baqgħet iddur b' missierha sakemm miet ta' wieħed u tmenin (81) sena u li wara, l-omm kienet b'saħħitha biżżejjed u ma kellha bżonn 'il ħadd biex idur biha. Meta mardet marret l-isptar fejn mietet. Kontra dan, l-unika prova li saret mill-konvenuti hija fis-sens li fl-aħħar tliet snin, qabel mietet l-omm, l-attriċi żżewġet u ma baqgħetx toqgħod m'ommha. Fid-dar, ma' l-omm, sadanittant marret toqgħod il-konvenuta Francesca Borg li baqgħet u kienet għadha, tgħix hemm sakemm saru l-provi fil-kawża. B'dankollu din Francesca Borg, waħda mill-konvenuti, ma xehditx negattivament fuq il-komportament ta' l-attriċi. Għalhekk anki dan l-aggravju huwa inattendibbli;

8. Għaldaqstant, l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata – b'dan illi l-kuntratt għandu jiġi ppubblikat sal-15 ta' Jannar, 1995, f'waħda mill-awli ta' dawn il-Qrati fid-data u l-ħin li għandu jiffissa n-Nutar innominant wara li jikkonsulta l-avukati tal-partijiet;

Spejjeż għall-konvenuti.